MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 433/2013

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Falzon Renald K.I. 327475(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta’ ħames mija u sebgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€557.85), in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon ċellulari bin-numru 79969807 (*A/C 40180192*), liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta’ kuntratt datat 27 ta’ Mejju 2011.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ħames mija u sebgħa u ħamsin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€557.85), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fit-18 ta' Ottubru 2012 u numerata 2451/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------